KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fil-5 ta' Settembru 2019 [1]

Kawża C-272/18

Verein für Konsumenteninformation
vs
TVP Treuhand- und Verwaltungsgesellschaft für Publikumsfonds mbH & Co. KG

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Liġi applikabbli – Kuntratti fiduċjarji konklużi bejn konsumaturi li jirrisjedu abitwalment f'pajjiż u professjonist stabbilit f'pajjiż ieħor, li għandhom bħala suġġett il-ġestjoni ta' ishma f'soċjetajiet in akkomandita rregolati mid-dritt tat-tieni pajjiż – Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali – Regolament (KE) Nru 593/2008 – Materji esklużi – Artikolu 1(2) – Kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi – Regoli protettivi fil-qasam tal-kuntratti tal-konsum – Kuntratti esklużi – Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 – Kuntratt ta' provvista ta' servizzi li fil-kuntest tiegħu s-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu pprovduti esklużivament f'pajjiż li ma huwiex dak tar-residenza abitwali tiegħu – Direttiva 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur – Natura inġusta ta' klawżola ta' għażla ta' liġi li tindika lid-dritt tas-sede tal-fornitur tas-servizzi"

I. Introduzzjoni

1. Il-Verein für Konsumenteninformation (iktar 'il quddiem "VKI"), assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi stabbilita fl-Awstrija, ressqet azzjoni għal inġunzjoni [2] kontra TVP Treuhand- und Verwaltungsgesellschaft für Publikumsfonds mbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "TVP"), kumpannija li s-sede tagħha tinsab f'Hamburg (il-Ġermanja), intiża sabiex tipprojbixxi lil din il-kumpannija milli tuża, fir-relazzjonijiet ta' negozju tagħha mal-konsumaturi li jirrisjedu fl-Awstrija, ċertu numru ta' klawżoli kuntrattwali. Dawn il-klawżoli jidhru f'kuntratti fiduċjarji li għandhom bħala suġġett il-ġestjoni ta' ishma ta' fondi ta' proprjetà immobbli magħluqa stabbiliti fil-Ġermanja u kkostitwiti fil-forma ta' soċjetajiet in akkomandita. Fost il-klawżoli inkwistjoni tinstab klawżola ta' għażla ta' liġi li tindika lid-dritt Ġermaniż.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Fis-sens tad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU 2009, L 110, p. 30).

2. L-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' din il-klawżola ta' għażla ta' liġi mad-Direttiva 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur[3], fid-dawl, partikolarment, tal-interpretazzjoni miżmuma mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' din id-direttiva fis-sentenza Verein für Konsumenteninformation[4]. Ir-risposta għal din id-domanda tiddependi, b'mod partikolari, fuq il-punt sabiex isir magħruf jekk id-dritt Awstrijak huwiex applikabbli għall-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi fin-nuqqas ta' tali għażla, jew inkella jekk, għall-kuntrarju japplikax id-dritt Ġermaniż. Dan l-aħħar punt jiddependi, min-naħa tiegħu, fuq l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali[5] u tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali[6].

3. B'hekk din il-qorti għamlet domandi differenti lill-Qorti tal-Ġustizzja, intiżi *qabel kollox*, sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn il-kuntratti fiduċjarji jqajmux xi "kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tar-Regolament Ruma I, sa fejn jirrigwardaw l-ishma bħala azzjonist limitat u huma konnessi b'mod strett mal-istatuti tal-kumpanniji in akkomandita kkonċernati. Jekk jitqies li dan ma huwiex il-każ, dawn id-domandi jirrigwardaw, *sussegwentement*, il-punt sabiex isir magħruf jekk l-imsemmija kuntratti humiex eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli protettivi fil-qasam tal-kuntratti tal-konsum, previsti minn dawn l-istrumenti minħabba li s-servizzi dovuti lill-konsumaturi huma, skont il-kliem ta' dawn l-istess kuntratti, ipprovduti esklużivament barra mill-Awstrija. L-imsemmija domandi jikkonċernaw, *finalment*, il-kompatibbiltà tal-klawżola tal-għażla tal-liġi kontenzjuża mad-direttiva dwar il-klawżoli inġusti.

4. F'dawn il-konklużjonijiet ser nispjega għaliex, fl-opinjoni tiegħi, il-liġi applikabbli għal kuntratti fiduċjarji bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi ddeterminata konformement mar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tar-Regolament Ruma I. Barra minn hekk, ser nesponi r-raġunijiet li minħabba fihom, fl-opinjoni tiegħi, tali kuntratti, li fil-kuntest tagħhom għandhom jiġu pprovduti servizzi mill-bogħod fil-pajjiż ta' residenza abitwali tal-konsumatur mit-territorju ta' pajjiż ieħor, jaqgħu taħt ir-regoli protettivi fil-qasam tal-kuntratti tal-konsum. Fl-aħħar, ser nispjega li klawżola ta' għażla tal-liġi bħal dik inkluża fil-kuntratti kontenzjużi hija inġusta sa fejn ma tinformax lill-konsumatur bil-fatt li, minkejja din l-għażla, huwa jibbenefika mill-benefiċċju tal-protezzjoni li jiżguraw id-dispożizzjonijiet imperattivi tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Il-Konvenzjoni ta' Ruma

5. L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, intitolat "Firxa ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni", jiddisponi, fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

"1. Ir-regoli ta' din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw għall-obbligi kuntrattwali f'kull sitwazzjoni li tinvolvi għażla bejn il-liġijiet ta' pajjiżi differenti.

2. Huma m'għandhomx japplikaw għal:

[…]

3 Direttiva tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-klawżoli inġusti").

4 Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016 (C-191/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza VKI vs Amazon", EU:C:2016:612).

5 Miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (ĠU 2005, C 169, p. 10) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ruma").

6 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I"). Kemm il-Konvenzjoni ta' Ruma u kemm ir-Regolament Ruma I huma applikabbli *ratione temporis* għall-kawża prinċipali (ara l-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet).

e) kwistjonijiet regolati bil-liġi tal-kumpanniji u korpi oħra, maqgħuda jew mhux maqgħuda [bil-liġi tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi] bħalma huma l-ħolqien, b'reġistrazzjoni jew mod ieħor, il-kapaċità legali, l-organizzazzjoni interna jew l-istralċ ta' kumpanniji u korpi oħra maqgħuda jew mhux maqgħuda u r-responsabbiltà personali ta' uffiċjali u membri bħala tali għall-obbligi tal-kumpannija jew tal-korp;

[…]"

6. L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, intitolat "Ċerti kuntratti tal-konsumaturi [Kuntratti konklużi mill-konsumaturi]", jipprevedi:

"1. Dan l-Artikolu japplika għal kuntratt li l-għan tiegħu huwa l-provvista ta' oġġetti jew servizzi lil persuna ('il-konsumatur') għal skop li jista' jitqies li ma jkollux x'jaqsam man-negozju jew mal-professjoni tiegħu, jew għal kuntratt biex jingħata kreditu għal dak il-għan.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, għażla ta' liġi magħmula mill-partijiet m'għandhiex ikollha r-riżultat li ċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu mir-regoli mandatarji tal-liġi tal-pajjiż li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu:

– jekk f'dak il-pajjiż il-kuntratt ikun konkluż wara stedina speċifika indirizzata lilu jew permezz ta' riklam, u huwa jkun għamel f'dak il-pajjiż dak kollu meħtieġ minnu biex il-kuntratt ikun konkluż,

jew

– jekk il-parti l-oħra jew l-aġent tagħha jkun rċevew l-ordni tal-konsumatur f'dak il-pajjiż, jew

[…]

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, kuntratt li għalih japplika dan l-Artikolu għandu, fin-nuqqas ta' għażla skond l-Artikolu 3, ikun regolat skond il-liġi tal-pajjiż li fih il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu jekk il-kuntratt ikun sar fiċ-ċirkostanzi msemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal:

[…]

b) kuntratt għall-provvista ta' servizzi fejn is-servizzi għandhom jingħataw lill-konsumatur esklussivament f'pajjiż li ma jkunx dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu.

[…]"

B. Ir-Regolament Ruma I

7. L-Artikolu 1 tar-Regolament Ruma I, intitolat "Ambitu materjali", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu konflitt tal-liġijiet, għal obbligazzjonijiet kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali.

M'għandux japplika, partikolarment, għal kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi.

2. Dawn li ġejjin huma esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament:

[…]

f) kwistjonijiet regolati mil-liġi tal-kumpanniji u entitajiet oħra, inkorporati jew mhux inkorporati [mil-liġi tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi], bħall-kostituzzjoni f, permezz ta' reġistrazzjoni jew b'mod ieħor, il-kapaċità ġuridika, l-organizzazzjoni interna jew l-istralċ ta' kumpanniji u entitajiet oħra, inkorporati jew mhux inkorporati, u r-responsabbiltà personali ta' uffiċjali u membri, bħala tali, għall-obbligazzjonijiet tal-kumpannija jew tal-korp;

[…]"

8. L-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kuntratti ta' konsum" jipprevedi:

"1. Bla ħsara għall-Artikoli 5 u 7, kuntratt konkluż minn persuna fiżika għal skop li jista' jitqies bħala mhux relatat mas-sengħa jew professjoni tagħha ('il-konsumatur'), ma' persuna oħra li taġixxi fl-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni tagħha ('il-professjonist') għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, bil-kondizzjoni li:

[…]

b) bi kwalunkwe mezz, jindirizza dawn l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż,

u li l-kuntratt jaqa' fl-ambitu ta' dawn l-attivitajiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-partijiet jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli għal kuntratt li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, skond l-Artikolu 3. Tali għażla, madankollu, ma tistax twassal sabiex iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu minn dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim taħt il-liġi li, fin-nuqqas ta' l-għażla, kienet tkun applikabbli abbażi tal-paragrafu 1.

3. Jekk ir-rekwiżiti fil-paragrafu 1(a) jew (b) ma jiġux sodisfatti, il-liġi applikabbli għal kuntratt bejn konsumatur u professjonist għandha tiġi determinata skond l-Artikoli 3 u 4.

4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal dawn il-kuntratti:

a) kuntratti għall-forniment ta' servizzi fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu fornuti esklussivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu;

[…]"

9. Ir-Regolament Ruma I issostitwixxa lill-Konvenzjoni ta' Ruma. Skont l-Artikolu 28 tiegħu, dan ir-regolament japplika għall-kuntratti konklużi sa mis-17 ta' Diċembru 2009. Huwa stabbilit li l-azzjoni għal inġunzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna kemm lill-kuntratti konklużi qabel din id-data kif ukoll il-kuntratti konklużi u li għandhom jiġu konklużi wara din id-data, fis-sens li dawn iż-żewġ strumenti huma applikabbli *ratione temporis*.

C. Id-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti

10. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti jiddisponi:

"Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur."

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. Il-kumpannija MPC Münchmeyer Capital AG Hamburg (iktar 'il quddiem "MPC") toħloq u tikkummerċjalizza l-fondi ta' proprjetà immobbli magħluqa, ikkostitwiti taħt il-forma ta' soċjetajiet in akkomandita rregolati bid-dritt Ġermaniż[7]. TVP, li hija sussidjarja 100 % ta' MPC, hija ġestjonarja u assoċjat limitat fondatur tal-kumpanniji inkwistjoni.

12. Fl-oriġini tagħhom, dawn il-fondi ġew ikkonċepiti sabiex jippermettu lill-investituri privati u istituzzjonali sabiex jieħdu xi ishma bħala assoċjati limitati. L-istatuti tas-soċjetajiet in akkomandita li jistrutturaw l-imsemmija fondi b'hekk jippermettu lil TVP, fil-kwalità tagħha ta' ġestjonarja u ta' assoċjat limitat fondatur sabiex iżżid assoċjati limitati addizzjonali.

13. Għal dan il-għan, sussidjarja oħra ta' MPC ingħatat ir-responsabbiltà għall-prospettar ta' investituri potenzjali. Il-prospectus li jirrigwardaw l-ishma fil-fondi maħluq minn MPC ġew iddistribwiti partikolarment (u, f'ċerti każijiet, esklużivament) fl-Awstrija.

14. L-investituri interessati setgħu jakkwistaw xi ishma f'dawn il-fondi, billi, partikolarment, jindirizzaw lil TVP b'dikjarazzjoni ta' adeżjoni taħt il-forma ta' proposta ta' konklużjoni ta' kuntratt fiduċjarju (*Treuhandvertrag*). L-ammont korrispondenti għall-ishma kellu jitħallas f'wieħed mill-kontijiet fiduċjarji (*Treuhandkonten*) li infetħu għal dan il-għan f'banek Awstrijaċi. B'hekk, xi investituri ssieħbu indirettament mal-imsemmija fondi bħala kostitwenti, permezz tar-rwol intermedjarju ta' TVP, li taġixxi bħala ġestjonarja fiduċjarja tal-ishma bħala azzjonist limitat tagħhom. Abbażi ta' dan, din il-kumpannija teżerċita, f'isimha stess, iżda għall-benefiċċju tal-investituri inkwistjoni, id-drittijiet ta' dawn tal-aħħar li jirriżultaw minn dawn l-ishma. Hija tittrasferilhom il-ħlas ta' dividendi u l-vantaġġi l-oħra patrimonjali li jirriżultaw minnhom. TVP tittrasferixxi wkoll lill-investituri l-informazzjoni li l-fond itiha fuq l-iżvolġiment tal-attività. Bħala ħlas ta' dawn il-prestazzjonijiet differenti, TVP tieħu remunerazzjoni fissa.

15. Il-kuntratti fiduċjarji hekk konklużi ma' TVP jistipulaw b'mod partikolari l-klawżola li ġejja (jew klawżola ekwivalenti għaliha):

"Il-kuntratt fiduċjarju huwa suġġett għad-dritt tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Sa fejn huwa legalment possibbli li jiġi miftiehem hekk, il-post ta' eżekuzzjoni hija s-sede tal-ġestjonarja fiduċjarja u l-qorti ta' din tal-aħħar għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-kawżi li jirrigwardaw dan il-kuntratt jew il-formazzjoni tiegħu."

16. Fis-6 ta' Settembru 2013, VKI ppreżentat azzjoni għal inġunzjoni quddiem il-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija), intiż sabiex TVP tiġi pprojbitha milli tuża, fir-relazzjonijiet professjonali tagħha mal-konsumaturi li jirrisjedu fl-Awstrija, fil-kundizzjonijiet ġenerali li fuqhom huma bbażati l-kuntratti fiduċjarji li hija tikkonkludi jew fil-formolarji ta' kuntratt standard użati għal dan il-għan, ċertu numru ta' klawżoli, minħabba l-fatt, partikolarment, li kienu inġusti, fis-sens tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti u tad-dritt Awstrijak li jittrasponi lil din id-direttiva. Barra minn hekk, VKI talbet permess sabiex tippubblika d-deċiżjoni.

7 Ara, għal iktar spjegazzjonijiet, in-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

17. L-azzjoni mressqa minn VKI pprevediet, partikolarment, il-klawżola li tirrigwarda l-post ta' eżekuzzjoni tas-servizzi fiduċjarji u l-liġi applikabbli għall-kuntratti fiduċjarji, riprodotta fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet. F'dan il-kuntest, VKI sostniet li, konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali [8], il-legalità tal-klawżoli kkontestati għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux tad-dritt applikabbli għal dawn il-kuntratti, iżda fid-dawl tal-*lex loci damni*, jiġifieri fid-dawl tad-dritt Awstrijak. Dan id-dritt tal-aħħar huwa, mill-bqija, ukoll applikabbli abbażi tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tar-Regolament Ruma I.

18. TVP talbet iċ-ċaħda tal-azzjoni mressqa minn VKI. Skont din il-kumpannija, konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ruma I, il-legalità tal-klawżoli kontezjużi għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dritt Ġermaniż, magħżul bħala applikabbli għall-kuntratti fiduċjarji. Barra minn hekk, dawn il-kuntratti u l-istatuti tas-soċjetajiet in akkomandita kkonċernati huma tant konnessi flimkien li dawn tal-ewwel ikollhom neċessarjament ikunu suġġetti għall-istess dritt bħal dawk tat-tieni, jiġifieri, għal darb'oħra, id-dritt Ġermaniż. Barra minn hekk, TVP ipprovdiet is-servizzi kollha previsti fl-imsemmija kuntratti fil-Ġermanja u fl-Awstrija la kellha fergħa jew stabbiliment u lanqas persunal.

19. Permezz ta' sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, il-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna) laqgħet l-azzjoni ta' VKI. Billi applikat id-dritt Awstrijak, din il-qorti ordnat lil TVP sabiex tieqaf milli tuża, fir-relazzjonijiet professjonali tagħha mal-konsumaturi li jirrisjedu fl-Awstrija, il-klawżoli previsti minn din l-azzjoni, fosthom il-klawżola tal-għażla tal-liġi. Hija laqgħet ukoll it-talba għall-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni.

20. Permezz ta' digriet tat-13 ta' Settembru 2016, l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija) annullat id-deċiżjoni mogħtija mill-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna) u rrinvijat il-kawża quddiem din il-qorti għall-istruzzjoni u deċiżjoni ġdida. B'mod partikolari, il-qorti tal-appell iddeċidiet, billi għamlet riferiment għas-sentenza VKI vs Amazon, li l-eżami tal-validità tal-klawżola tal-għażla ta' liġi kontenzjuża kellu jitwettaq fid-dawl tad-dritt Ġermaniż, iżda li, konformement ma' dan id-dritt, tali klawżola kienet inġusta sa fejn tqarraq bil-konsumatur billi ttih l-impressjoni li kien applikabbli l-imsemmi dritt biss għall-kuntratt, mingħajr ma tinformah bil-fatt li, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tar-Regolament Ruma I, huwa kien jibbenefika wkoll mill-protezzjoni li joffrulu d-dispożizzjonijiet imperattivi tad-dritt tal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu, f'dan il-każ id-dritt Awstrijak.

21. VKI u TVP it-tnejn ressqu rikors kontra dan id-digriet quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema). F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(e) tal-[Konvenzjoni ta' Ruma] u fl-Artikolu 1(2)(f) tar-[Regolament Ruma I] tkopri wkoll il-ftehimiet konklużi bejn benefiċjarju u fiduċjarju li għandu parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita għan-nom tal-benefiċjarju, b'mod partikolari meta jkun hemm konnessjoni bejn l-istatuti tas-soċjetà u l-ftehim fiduċjarju?

2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 3(1) tad-[Direttiva dwar il-klawżoli inġusti] għandu jiġi interpetat fis-sens li klawżola fi ftehim fiduċjarju konkluż bejn professjonist u konsumatur dwar il-ġestjoni ta' parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita, li ma kinitx innegozjata individwalment u li tipprovdi li hija applikabbli l-liġi tal-Istat fejn is-soċjetà in akkomandita jkollha s-sede tagħha, hija inġusta jekk l-għan waħdieni tal-ftehim fiduċjarju jkun l-ġestjoni ta' parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita u l-benefiċjarju jingħata d-drittijiet u l-obbligi ta' azzjonist dirett?

8 Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 (ĠU 2007, L 199, p. 40, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma II").

3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda:

Din ir-risposta tkun differenti jekk, sabiex jipprovdi s-servizzi dovuti, il-professjonist ma jkunx obbligat imur fl-Istat tal-konsumatur sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu iżda jkun marbut jittrasferixxi l-ħlas tad-dividendi jew benefiċċji finanzjarji oħra li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni, kif ukoll jittrażmetti informazzjoni relatata mal-iżvolġiment tal-attività tas-soċjetà? Il-kwistjoni tal-applikabbiltà tar-Regoalment Ruma I jew tal-Konvenzjoni ta' Ruma hija rilevanti f'dan ir-rigward?

4) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda:

Din ir-risposta tibqa' valida jekk, barra minn hekk, it-talba għas-sottoskrizzjoni tal-konsumatur tkun ġiet iffirmata fl-Istat ta' residenza tiegħu, il-professjonist jipprovdi informazzjoni dwar is-soċjetà in akkomandita anki fuq l-internet, u jkun ġie stabbilit kont bankarju fl-Istat tal-konsumatur, li fih il-konsumatur irid jiddepożita somma għall-parteċipazzjoni, minkejja li l-professjonist ma jkollu ebda dritt li jiddisponi minn dan il-kont bankarju? Il-kwistjoni tal-applikabbiltà tar-Regoalment Ruma I jew tal-Konvenzjoni ta' Ruma hija rilevanti f'dan ir-rigward?"

22. Id-deċiżjoni tar-rinviju, tat-28 ta' Marzu 2018, waslet għand ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' April 2018. Xi osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn VKI, minn TVP u mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet kienu rrappreżentati matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li nżammet fis-27 ta' Frar 2019.

IV. Analiżi

23. L-azzjoni għal inġunzjoni mressqa, fil-kawża preżenti, minn VKI kontra TVP, għandha bħala bażi l-ishma akkwistati minn investituri privati li jirrisjedu fl-Awstrija f'xi fondi ta' proprjetà immobbli magħluqa, ikkostitwiti taħt il-forma ta' soċjetajiet in akkomandita rregolati mid-dritt Ġermaniż [9]. Iktar preċiżament, billi ffirmaw applikazzjoni ta' adeżjoni ma' dawn il-fondi, l-investituri ma ġewx involuti direttament fil-kapital tas-soċjetajiet inkwistjoni. Fir-realtà, huma fdaw l-ammont tal-ishma tagħhom lil TVP, li hija ġestjonarja u assoċjat limitat fundatur ta' dawn il-kumpanniji, u ffirmaw ma' din tal-aħħar kuntratti fiduċjarji (*Treuhandverträge*) li għandhom bħala suġġett il-ġestjoni ta' dawn l-ishma [10].

9 Mill-osservazzjonijiet ta' VKI jirriżulta li l-fondi magħluqa bħalma huma dawk magħluqa minn MPC jikkonsistu fil-ġbir ta' kapital, bil-ħruġ u l-bejgħ ta' ishma fil-kapital ta' kumpanniji fformati għal dan il-għan, sabiex jiġu investiti f'sehem fi proprjetà immobbli, bl-għan li jiġi ġġenerat dħul permezz tal-kiri u l-bejgħ tal-proprjetà inkwistjoni. L-ishma jistgħu jinxtraw mill-investituri waqt perijodu limitat biss. Ladarba jinġabar il-kapital meħtieġ, il-fond jingħalaq u ma jinħarġux iktar ishma. Dawk maħruġa inizjalment ma jistgħux jiġu mifdija mill-Fond, jew jistgħu jinfdew biss b'termini stretti. Fondi ta' dan it-tip huma partikolarment mifruxa fil-Ġermanja (ara, fuq din il-problematika, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-Kawża E. Friz, C-215/08, EU:C:2009:522, punti 33, 42 u 43 kif ukoll ir-referenzi ċċitati). VKI indikat ukoll li, sa mis-sena 2002, madwar 16 000 konsumatur Awstrijak ikkonkluda kuntratti fiduċjarji ma' TVP sabiex jieħu sehem fil-fondi ta' MPC.

10 Huwa stabbilit li l-investituri setgħu wkoll jagħżlu li jidħlu direttament fil-kumpanniji li jistrutturaw il-fondi bħala assoċjati limitati u li jitniżżlu fir-reġistru tal-kummerċ Ġermaniż. Madankollu, din ma hijiex is-sitwazzjoni prevista fil-kawża prinċipali.

24. F'dan l-istadju, għandu jitfakkar fil-qosor, li, fil-kuntest tal-operazzjoni ta' *Treuhand* (terminu li jindika l-istituzzjoni tad-dritt Ġermaniż, simili għat-trust fid-dritt Franċiż), persuna, imsejħa "kostitwent" (*Treugeber*), tittrasferixxi l-proprjetà tal-assi lil persuna oħra msejħa "ġestjonarju fiduċjarju" (*Treuhänder*), li jżomm dawn l-assi sseparati mill-patrimonju tiegħu stess u jamministrahom b'għan iddeterminat għall-benefiċċju ta' benefiċjarju (li jista' jkun, iżda mhux neċessarjament, il-kostitwent). Bħala proprjetarju tal-assi ttrasferiti, il-ġestjonarju fiduċjarju jaġixxi *f'ismu stess*, iżda, *għall-benefiċċju* ta' benefiċjarju [11].

25. Bl-użu tal-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi, TVP, li hija assoċjat limitat "dirett" tas-soċjetajiet in akkomandita inkwistjoni, tamministra b'hekk l-ishma li hija proprjetarja tagħhom f'dawn il-kumpanniji f'isimha, iżda għall-benefiċċju ta' diversi investituri, li kollha kemm huma huma kostitwenti u huma benefiċjarji tat-trusts li fihom dawn l-ishma. B'dan il-mod, l-investituri kkonċernati (sabiex nużaw il-kliem użati mill-qorti tar-rinviju), "daħlu indirettament" fl-imsemmija kumpanniji [12].

26. L-azzjoni għal inġunzjoni mibdija minn VKI kontra TVP għandha bħala suġġett il-legalità ta' klawżoli differenti stipulati f'dawn il-kuntratti fiduċjarji (jew, b'mod iktar preċiż, fil-kundizzjonijiet ġenerali li fuqhom huma bbażati dawn l-istess kuntratti u fil-formolarji ta' kuntratt standard użati għal dan il-għan). VKI ssostni partikolarment li dawn il-klawżoli huma inġusti, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti. Peress li s-sede ta' TVP tinsab fil-Ġermanja, u VKI tiddefendi l-interessi tal-konsumaturi residenti fl-Awstrija, tqum il-kwistjoni tad-dritt applikabbli għal din l-azzjoni.

27. Fis-sentenza VKI vs Amazon, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li l-liġi applikabbli għal azzjoni għal inġunzjoni diretta kontra l-użu ta' klawżoli kuntrattwali allegatament illegali minn impriża stabbilita fi Stat Membru li tikkonkludi kuntratti ma' xi konsumaturi li jirrisjedu fi Stat Membri oħra, għandha tiġi ddeterminata konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma II [13]. Bil-kontra, il-kwistjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali partikolari taqa' taħt il-liġi applikabbli għall-kuntratt, li hija l-liġi ddeterminata, bħala prinċipju, skont il-Konvenzjoni ta' Ruma jew ir-Regolament Ruma I [14]. Deċiżjoni dwar l-azzjoni mressqa f'dan il-każ minn VKI kontra TVP timplika għaldaqstant li għandha tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għall-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi.

28. F'dan ir-rigward, TVP tinvoka klawżola ta' għażla tal-liġi, stipulata f'dawn il-kuntratti u li taħtar lid-dritt Ġermaniż, il-liġi tas-sede tagħha u tas-sede tas-soċjetajiet in akkomandita, bħala applikabbli. VKI madankollu teċċepixxi li din il-klawżola hija inġusta. Fil-fatt, fis-sentenza VKI vs Amazon, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li klawżola simili hija ta' natura li tqarraq bil-konsumatur inkwantu ma tinformahx bil-fatt li, konformement mar-regoli protettivi fil-qasam tal-kuntratti ta' konsum previsti mir-Regolament Ruma I, minkejja l-liġi magħżula, huwa jibbenefika mill-protezzjoni ggarantita

11 It-*Treuhand* u t-trust huma simili ta' *trust* tal-pajjiżi tal-*Common Law* (ara, għal analiżi tad-dritt komparat, Braun, A. u Swadling, W., "Chapter six – Management: Trust, Treuhand and Fiducie", f'Van Erp, S. u Akkermans, B., *Cases, Materials and Text on Property Law*. *Ius commune casebooks for the common law of europe*, Hart Publishing, 2012, p. 553 sa 615). Issa, il-Konvenzjoni ta' Ruma, fl-Artikolu 1(2)(g) tagħha u r-Regolament Ruma I, fl-Artikolu 1(2)(h) tagħha, jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħhom il-kostituzzjoni ta' *trusts* u r-relazzjonijiet li joħolqu bejn il-kostitwenti, it-*trustees* u l-benefiċjarji. Madankollu, din l-esklużjoni ma hijiex, *a priori*, applikabbli fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, mir-rapport dwar il-konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, ta' Mario Giuliano, Professur fl-Università ta' Milan u Paul Lagarde, Professur fl-Università ta' Pariġi I (ĠU 1980, C 282, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"rapport Giuliano-Lagarde"), jirriżulta li bħala prinċipju, l-imsemmija esklużjoni għandha bħala suġġett it-*trusts* biss, u ma tkoprix lill-"istituzzjonijiet tal-istess tip tad-dritt kontinentali" (ara p. 13 ta' dan ir-rapport). Fi kwalunkwe każ, peress li l-kwistjoni tal-applikabbiltà ta' din l-istess esklużjoni ma tqajmitx mill-qorti tar-rinviju u peress li ma ġietx imqajma quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, minix ser nittrattaha fil-konklużjonijiet preżenti.

12 Il-qorti tar-rinviju ma pprovdietx iktar dettalji fir-rigward tal-mod ta' kif l-investimenti inkwistjoni ġew irrappreżentati ġuridikament.

13 Infakkar li azzjoni għal inġunzjoni tibbaża ruħha fuq obbligu mhux kuntrattwali inkwantu ma jkunx hemm kuntratt bejn il-professjonist u l-assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma II jipprevedi li l-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn att ta' kompetizzjoni żleali għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn ir-relazzjonijiet ta' kompetittività jew l-interessi kollettivi tal-konsumaturi ikunu, jew probabbilment jiġu, milquta. Fis-sentenza VKI vs Amazon (punt 42), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "kompetizzjoni żleali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jinkludi l-użi ta' klawżoli inġusti mdaħħla taħt il-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ, peress li dan jista' jaffettwa l-interessi kollettivi tal-konsumaturi bħala grupp, u, għaldaqstant, taffettwa l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq.

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza VKI vs Amazon, punti 35 sa 60.

mid-dispożizzjonijiet imperattivi tal-liġi tar-residenza abitwali tiegħu[15]. TVP tirribatti li din il-ġurisprudenza ma hijiex trasponibbli għall-kawża prinċipali. Fil-fatt, il-klawżola tal-għażla ta' liġi kontenzjuża hija purament dikjarattiva: il-kuntratti fiduċjarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom ikunu fi kwalunkwe każ suġġetti għal-liġi Ġermaniża, applikabbli għall-kumpanniji inkwistjoni.

29. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tal-ewwel domanda tagħha, dwar il-punt sabiex isir magħruf jekk, kif issostni TVP, dawn il-kuntratti humiex eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tar-Regolament Ruma I, abbażi tal-esklużjoni, prevista fl-Artikolu 1(2)(e) ta' din il-konvenzjoni u fl-Artikolu 1(2)(f) ta' dan ir-regolament, dwar "kwistjonijiet regolati mil-liġi tal-kumpanniji u entitajiet oħra, inkorporati jew mhux inkorporati [kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", u jekk dan huwa l-każ, sa fejn. Ser neżamina lil din il-problematika l-ewwel (Taqsima A).

30. Fil-każ fejn il-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tar-Regolament Ruma I, il-qorti tar-rinviju tfittex, permezz tat-tielet u r-raba' domanda tagħha, sabiex tiddetermina jekk dawn il-kuntratti humiex koperti mir-regoli protettivi tal-qasam tal-kuntratti ta' konsum, li jidhru fl-Artikolu 5 ta' din il-Konvenzjoni u fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament. B'mod iktar preċiż, hija tistaqsi fuq il-portata tal-esklużjoni prevista fil-paragrafu 4 ta' dawn iż-żewġ artikoli, li tinvoka TVP, li tipprovdi li dawn ir-regoli protettivi ma japplikawx għal "kuntratti għall-forniment ta' servizzi fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu fornuti esklussivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu". Ser neżamina lil dawn id-domandi, għall-konvenjenza, flimkien u fit-tieni lok (Taqsima B).

31. Fl-aħħar, ser intemm dawn il-konklużjonijiet permezz tal-analiżi tat-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju, li tikkonċerna lin-natura inġusta, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti, tal-klawżola tal-għażla ta' liġi kontenzjuża (Taqsima C).

A. Fuq in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-esklużjoni dwar il-"kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi" (l-ewwel domanda)

32. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u l-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-esklużjoni li jipprevedu, relatata mal-"kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", tkoprix obbligi kuntrattwali li jsibu s-sors tagħhom f'kuntratt fiduċjarju ta' ġestjoni ta' sehem f'soċjetà in akkomandita, partikolarment meta dan il-kuntratt u l-istatuti ta' din il-kumpannija huma konnessi flimkien.

33. Il-Konvenzjoni ta' Ruma u r-Regolament Ruma I japplikaw, kif jindika l-Artikolu 1(1) tagħhom għall-"obbligazzjonijiet kuntrattwali"[16]. Il-liġi applikabbli għal tali obbligi għandha, bħala prinċipju, tiġi ddeterminata skont ir-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet previsti f'dawn l-istrumenti.

15 Ara l-punti 83 sa 90 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 Il-kunċett ta' "obbligazzjonijiet kuntrattwali" fis-sens ta' dawn l-istrumenti, jipprevedi obbligu ġuridiku assunt liberament minn persuna fil-konfront ta' oħra. Ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, ERGO Insurance u Gjensidige Baltic (C-359/14 u C-475/14, EU:C:2016:40, punt 44).

34. L-Artikolu 1(2) tal-imsemmija strumenti madankollu jeskludu espliċitament lil ċerti oqsma mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Partikolarment, konformement mal-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u mal-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I, dawn ma japplikawx għall-"kwistjonijiet regolati mil-liġi tal-kumpanniji u entitajiet oħra, inkorporati jew mhux inkorporati [mil-liġi tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi]. Konsegwentement, il-liġi applikabbli għal "kwistjonijiet" simili għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet nazzjonali [17].

35. Ma huwiex ikkontestat li, b'mod ġenerali, kuntratt fiduċjarju joħloq bejn il-partijiet xi "obbligazzjonijiet kuntrattwali" li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tar-Regolament Ruma I.

36. Madankollu, il-kuntratti fiduċjarji li jikkonċernaw l-azzjoni mressqa f'dan il-każ minn VKI kontra TVP huma partikolari, minn naħa, għaliex jirrigwardaw il-ġestjoni ta' ishma fis-soċjetajiet in akkomandita u min-naħa l-oħra għaliex għandhom, sabiex nużaw il-kelma użata mill-qorti tar-rinviju, "konnessjoni" bejn dawn il-kuntratti u l-istatuti tal-kumpanniji inkwistjoni.

37. Mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din il-konnessjoni tinsab fil-fatt li l-possibbiltà għall-investituri sabiex jikkonkludu kuntratt fiduċjarju ma' TVP u sabiex jidħlu "indirettament" fis-soċjetajiet in akkomandita bħala kostitwenti hija prevista mill-istatuti ta' dawn il-kumpanniji. Barra minn hekk, l-istatuti jipprevedu li l-kostitwenti huma ttrattati bħall-assoċjati limitati "diretti" fir-relazzjonijiet mal-kumpannija kkonċernata u fir-relazzjonijiet mal-assoċjati l-oħra, li għandhom l-istess obbligi (fosthom is-sehem fil-kapital u t-telf) u drittijiet (fosthom dawk li jirċievu dividendi u d-dritt ta' vot). Ir-remunerazzjoni stess ta' TVP għas-servizzi tagħha ta' ġestjonarja fiduċjarja hija prevista fl-istatuti u titħallas mhux mill-kostitwenti, iżda mis-soċjetajiet in akkomandita. Il-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi jagħmlu wkoll riferiment, f'diversi okkażjonijiet, għall-istatuti ta' dawn il-kumpanniji.

38. Għaldaqstant għandu jsir magħruf jekk, b'teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-partikolaritajiet, il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali li joriġinaw minn dawn il-kuntratti għandhiex tiġi ddeterminata skont ir-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet nazzjonali, skont l-esklużjoni dwar il-"kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", prevista fl-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u fl-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I.

39. VKI ssostni li dan ma huwiex il-każ. Il-kuntratti fiduċjarji stabbilixxew relazzjoni unika bejn il-kostitwenti u TVP, li ma taqax taħt id-dritt tal-kumpanniji, iżda taħt id-dritt tal-obbligi. Il-kostitwenti ma għandhomx il-kwalità ta' assoċjat, irriżervata għall-persuni mniżżla għal dan il-għan fir-reġistru tal-kummerċ Ġermaniż. Dawn ma għandhomx relazzjoni ġuridika diretta ma' dawn il-kumpanniji jew l-assoċjati tagħhom. B'mod partikolari l-kostitwenti ma jistgħux jipprekludu direttament lill-kumpannija milli jkollha d-dritt tal-vot u d-dritt għad-dividendi, bħalma jista' jagħmel assoċjat. Huma jistgħu biss jagħtu struzzjonijiet lil TVP sabiex tittrasferixxilhom id-dividendi li hija tirċievi fil-kwalità tagħha ta' assoċjat u sabiex teżerċita d-dritt ta' vot tagħha b'ċertu mod f'isimhom.

40. Min-naħa l-oħra, TVP issostni li, peress li l-kostitwenti għandhom l-istess drittijiet u obbligi bħalma għandhom l-assoċjati "diretti", dawn huma involuti direttament fis-soċjetajiet in akkomandita u għandhom jitqiesu, mill-perspettiva tad-dritt tal-kumpanniji, bħala assoċjati (jew "kważi-assoċjati") fir-relazzjonijiet interni ta' dawn il-kumpanniji. Allegatament teżisti relazzjoni diretta bejnhom u l-imsemmija kumpanniji u l-assoċjati tagħhom. Il-kostitwenti jistgħu b'mod partikolari jipprekludu direttament lil dawn l-istess kumpanniji milli jkollhom id-dritt tal-vot u d-dritt għad-dividendi. TVP

17 Indipendentement mill-kwistjoni tal-liġi applikabbli, il-punt dwar jekk il-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi jqajmux kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji jista' jkollu wkoll, fil-mertu, xi konsegwenzi fuq il-possibbiltà ta' VKI sabiex tinvoka regoli li jipprojbixxu lill-klawoli inġusti. Fil-fatt, b'mod analogu għall-Konvenzjoni ta' Ruma u għar-Regolament Ruma I, id-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti ma tapplikax, kif indikat fl-għaxar premessa tagħha, għall-"kuntratti relatati ma' l-inkorporazzjoni u l-organizzazzjoni ta' kumpaniji".

tintervjeni bħala ġestjonarja fiduċjarja sempliċiment sabiex tiffaċilita t-trattament tal-kwalità ta' assoċjat tal-kostitwenti fir-rigward tar-reġistrazzjoni u sabiex tiffaċilita l-ġestjoni interna tal-imsemmija kumpanniji. Ir-relazzjoni fiduċjarja bejn il-kostitwenti u TVP hija wkoll ikkaratterizzata mid-dritt tal-kumpanniji. Il-kuntratti fiduċjarji għaldaqstant ma jistgħux jiġu sseparati mill-istatuti tas-soċjetajiet in akkomandita. Teżisti relazzjoni ġuridika unika bejn il-kumpannija, l-assoċjati "diretti", il-ġestjonarju fiduċjarju u l-kostitwenti, li taqa' kollha kemm hi taħt l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u fl-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I [18].

41. Min-naħa tiegħi, inqis li obbligi kuntrattwali bħal dawk li jsibu s-sors tagħhom fil-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi *ma jaqgħux* taħt l-esklużjoni li tirrigwarda l-"kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", fis-sens tal-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u tal-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I, minħabba r-raġunijiet li ġejjin. Peress li d-dispożizzjonijiet għandhom essenzjalment l-istess kontenut, ser nirriferi, fil-punti li ġejjin, għall-konvenjenza, għar-regolament biss, u l-analiżi tiegħi ser tkun madankollu kompletament trasponibbli għal din il-konvenzjoni.

42. Ir-Regolament Ruma I ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", fis-sens tal-Artikolu 1(2)(f) ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, it-tifsira tiegħu ma tistax, fil-fehma tiegħi, titħalla f'idejn id-dritt ta' kull Stat Membru. Peress li din tintuża għad-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi, fl-Istati Membri kollha, tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi li jipprevedi, dan il-kunċett għandu jingħata *tifsira awtonoma*, billi jsir riferiment għall-kliem ta' din id-dispożizzjoni, għall-oriġini tagħha kif ukoll għas-sistema u għall-għanijiet ta' dan l-istess regolament [19]. B'teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest fattwali tal-kawża preżenti, ser nikkonċentra biss fuq il-"kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji", billi nwarrab b'hekk l-assoċjazzjonijiet u l-persuni ġuridiċi l-oħra.

43. Fir-rigward, qabel kollox, il-*kliem* tal-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I, dan jipprovdi lista, li ċertament ma hijiex eżawrjenti, iżda hija madankollu illustrattiva ta' dawn il-"kwistjonijiet". Dawn huma punti bħall-"kostituzzjoni […], il-kapaċità legali, l-organizzazzjoni interna jew l-istralċ ta' kumpanniji […,] u r-responsabbiltà personali ta' uffiċjali u ta' membri bħala tali għall-obbligi tal-kumpannija". Ir-rapport Giuliano-Lagarde jagħti xi indikazzjonijiet analogi, billi jippreċiża li din l-esklużjoni tipprevedi "kull att ta' natura kumplessa (kuntrattwali, amministrattiv, reġistrazzjoni) neċessarju għall-ħolqien ta' kumpannija, jew li jirregolaha internament jew l-istralċ tagħha", jiġifieri l-atti li "jirregolaw lid-dritt tal-kumpanniji" [20].

18 F'dan ir-rigward, TVP tinvoka ġurisprudenza tal-Bundesgerichtshof (Il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) li skontha, fil-każ ta' konnessjoni mill-qrib ta' kuntratt fiduċjarju dwar sehem u tal-istatuti tal-kumpannija kkonċernata, il-kostitwent għandu jiġi ttrattat bħala assoċjat. Id-dritt tal-kumpanniji applikabbli għall-istatuti jirregola wkoll il-kuntratt fiduċjarju meta l-kostitwent ikun involut b'mod qawwi u b'mod dirett fil-kumpannija, u jkollu l-istess drittijiet u obbligi bħalma għandhom l-assoċjati, meta huwa għandu jikkontribwixxi kapital direttament u meta jibbenefika direttament mill-vantaġġi, b'mod partikolari fiskali, ta' assoċjat. F'dan il-każ, l-istatuti tal-kumpannija u l-kuntratt fiduċjarji jkunu indissoċjabbli, b'tali mod li ma jkunx hemm lok sabiex titwettaq "dekompożizzjoni skont problematika ta' kunflitt ta' liġijiet". Min-naħa l-oħra, teżisti "relazzjoni ta' dritt unika", li għandha tiġi ttrattata skont l-istess dritt (ara s-sentenza BGB II ZR 276/02).

19 Huwa possibbli li tingħata raġuni għal dan b'analoġija mal-interpretazzjoni awtonoma miżmuma mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-esklużjonijiet previsti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell Ia"). Ara, partikolarment, fir-rigward tal-esklużjoni dwar is-"sigurtà soċjali", is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2002, Baten (C-271/00, EU:C:2002:656, punt 42); dwar l-esklużjoni li tirrigwarda lil "falliment, proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' għeluq ta' kumpanniji falluti u proċedimenti analogi", sentenza tat-22 ta' Frar 1979, Gourdain (133/78, EU:C:1979:49, punt 3), kif ukoll, fuq l-esklużjoni dwar "l-istatus jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni naturali", sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Schneider (C-386/12, EU:C:2013:633, punt 19).

20 Rapport Giuliano-Lagarde, p. 12. Nippreċiża li, għalkemm l-imsemmi rapport jirrigwarda lill-Konvenzjoni ta' Ruma, joffri kjarifikazzjonijiet rilevanti għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ekwivalenti tar-Regolament Ruma I. Ara, partikolarment, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Kerr (C-25/18, EU:C:2019:376, punt 34).

44. Fir-rigward, sussegwentement, tal-*oriġini* ta' din l-esklużjoni, ir-Rapport Giuliano-Lagarde jispjega li l-introduzzjoni tagħha fil-Konvenzjoni ta' Ruma tkun iġġustifikata minħabba l-azzjonijiet li l-Komunità Ewropea kienet twettaq fil-qasam tad-dritt sostantiv tal-kumpanniji fiż-żmien tal-iżvilupp ta' din il-konvenzjoni, fid-dawl tal-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam [21]. Għaldaqstant, id-differenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri fir-rigward tar-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet applikabbli fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji wkoll jistgħu, fl-opinjoni tiegħi, jispjegaw l-eżistenza tal-imsemmija esklużjoni [22].

45. Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-*sistema u tal-għanijiet* tar-Regolament Ruma I, infakkar li dan jipprevedi regoli ta' kunflitt tal-liġijiet intiżi li jagħtu livell għoli ta' prevedibbiltà, sabiex jiżgura ċ-ċertezza legali fir-rigward tad-dritt applikabbli [23]. Issa, fl-opinjoni tiegħi, l-esklużjoni dwar il-"kwistjonijiet regolati mil-liġi tal-kumpanniji" prevista fl-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I hija parti mit-twettiq ta' dan l-għan. F'dan ir-rigward, il-kumpanniji li joperaw fil-livell internazzjonali huma ffaċċjati b'ordinamenti ġuridiċi differenti li jistgħu jirregolawhom. F'dan il-kuntest, huwa ġeneralment aċċettat li, fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri li, għall-finijiet ta' prevedibbiltà u taċ-ċertezza legali, fl-interess, partikolarment, tal-krediturі tagħhom u tal-assoċjati tagħhom, numru ta' kwistjonijiet relatati mal-kumpanniji għandhom jiġu marbuta b'mod uniformi ma' liġi partikolari, imsejħa l-liġi tas-soċjetà (jew *lex societatis*).

46. Fl-aħħar mill-aħħar, l-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I huwa intiż li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament il-kwistjonijiet tad-dritt tal-kumpanniji jew, fi kliem ieħor, dawk li jaqgħu taħt il-qasam tal-*lex societatis*, u dan sabiex jiġi evitat li dawn il-kwistjonijiet speċifiċi jkunu suġġetti għal ordinamenti ġuridiċi differenti, fejn l-għan huwa li tiġi żgurata l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali fir-rigward tad-dritt applikabbli għall-kumpanniji u, permezz ta' dan, il-moviment tagħhom fuq il-livell internazzjonali [24].

47. Fin-nuqqas ta' korp ta' regoli uniformi u komplet applikabbli għall-kumpanniji fid-dritt tal-Unjoni [25], huwa diffiċli, jew anki impossibbli, li tingħata definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi kwistjoni li taqa' taħt id-dritt tal-kumpanniji u taħt il-*lex societatis*. Għandu jsir eżami każ b'każ, billi wieħed jirrikorri għall-*prinċipji ġenerali li jirriżultaw mis-sistemi tad-dritt nazzjonali*. Barra minn hekk ninnota li, f'ċerti ordinamenti ġuridiċi, ir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet jipprevedu lista tal-kwistjonijiet li jaqgħu fil-qasam tal-*lex societatis*. Madankollu, dawn il-listi jagħtu biss indikazzjoni u jeżistu xi differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu taħt din il-liġi [26]. Affaċċjati b'dawn id-differenzi, mingħajr dubju, irridu niffokaw fuq il-"qalba" tal-kwistjonijiet normalment ammessi f'dawn l-Istati [27], billi jiġi ppreżervat l-għan ta' prevedibbiltà u dak taċ-ċertezza legali fir-rigward tad-dritt applikabbli għal kumpannija segwit mill-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I.

21 Ara r-Rapport Giuliano-Lagarde, p. 12.

22 Infakkar, fil-qosor, li ċerti Stati Membri jżommu, bħala kriterju ta' rabta għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-kumpanniji, il-post ta' inkorporazzjoni, filwaqt li oħrajn, japplikaw it-"teorija tas-sede reali", li timponi li l-kumpanniji tkun stabbilita fl-Istat Membru fejn tinsab is-sede effettiva tagħha. Ara, fuq din il-kwistjoni, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126), tal-5 ta' Novembru 2002, Überseering (C-208/00, EU:C:2002:632), u tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo (C-106/16, EU:C:2017:804).

23 Ara l-premessi 6 u 16 tar-Regolament Ruma I.

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Kerr (C-25/18, EU:C:2019:376, punt 33).

25 Il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji hija fframentata. Ara, partikolarment, id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU 2017, L 169, p. 46). Ara wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpannija Ewropea (SE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 251).

26 Ara, partikolarment, fil-Belġju, l-Artikolu 111 tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 2004 dwar il-kodiċi tad-dritt internazzjonali provat (*Moniteur belge* tas-27 ta' Lulju 2004, p. 57344), u fl-Italja, l-Artikolu 25 tal-Legge 31 maggio 1995, n.218 (il-Liġi Nru 218) tal-31 ta' Mejju 1995 (supplement ordinarju għall-GURI Nru 128, tat-3 ta' Ġunju 1995). Ara, għal eżami ta' paragun eżawrjenti tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji, Gerner-Beuerle, C., Mucciarelli, F., Schuster, E. u Siems, M., *The Private International Law of Companies in Europe*, Beck, Hart u Nomos, 2019, p. 47 sa 127.

27 Ara, għal lista tal-kwistjonijiet li jaqgħu fil-"qalba", Gerner-Beuerle, C., Mucciarelli, F., Schuster, E. et Siems, M., op. cit.

48. F'dan il-kuntest, l-istatuti ta' kumpannija, sa fejn jirregolaw il-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-funzjonament intern tagħha bħalma huma l-portata u l-eżerċizzju tad-drittijiet politiċi (fosthom id-dritt għall-vot) u tad-drittijiet finanzjarji (fosthom id-dritt għad-dividendi) li jirriżultaw mill-kwalità ta' assoċjat, jaqgħu taħt l-esklużjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

49. Min-naħa l-oħra, inqis li s-sempliċi fatt li kuntratt ikun jirrigwarda sehem, kemm jekk jirrigwarda pereżempju kuntratt ta' bejgħ jew, bħal f'dan il-każ, kuntratt fiduċjarju, ma jistax jiġġustifika l-esklużjoni tal-obbligi li joriġinaw minn dan il-kuntratt mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma I abbażi tal-Artikolu 1(2)(f) ta' dan ir-regolament.

50. Ċertament, tranżazzjonijiet bħall-bejgħ jew it-trust li jirrigwardaw l-ishma huma ta' natura li jqajmu xi "kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji" eskludi mir-Regolament Ruma I [28]. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu distinti minn dawk imqajma mill-kuntratti sottostanti għal dawn it-tranżazzjonijiet, li jaqgħu, min-naħa tagħhom, taħt il-qasam tal-*lex contractus* [29] u għaldaqstant taħt dan ir-regolament.

51. Għalhekk, f'kull sitwazzjoni, għandu jitwettaq eżerċizzju rigoruż ta' klassifikazzjoni. F'dan il-kuntest, hekk kif tinnota ġustament il-qorti tar-rinviju, għandha tiġi adottata, bħala regola ġenerali, *klassifikazzjoni distributtiva* skont il-kwistjonijiet tad-dritt li domanda tqajjem.

52. Pereżempju, fil-kawża li tat lok għas-sentenza KA Finanz [30], li tikkonċerna preċiżament lill-esklużjoni li tirrigwarda lill-"kwistjonijiet regolati bil-liġi tal-kumpanniji" [fil-verżjoni tagħha li tidher fl-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma] kienet tikkonċerna l-kwistjoni tal-liġi applikabbli, wara amalgamazzjoni permezz ta' assorbiment transkonfinali, għall-interpretazzjoni, għall-eżekuzzjoni ta' obbligi kif ukoll għall-metodi tat-tmiem ta' kuntratt ta' self konkluż mill-kumpannija assorbita qabel din l-amalgazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-interpretazzjoni, l-eżekuzzjoni u t-tmiem tal-obbligi ġġenerati minn dawn il-kuntratti huma kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-qasam tal-*lex contractus* u ta' din il-konvenzjoni. Bil-kontra, il-kwistjoni tal-effett ta' amalgazzjoni permezz ta' assorbiment fuq il-kuntratti konklużi mill-kumpannija assorbita kienet taqa', min-naħa tagħhom, taħt il-qasam tal-*lex societatis* u tal-imsemmija esklużjoni [31].

53. Fi kliem ieħor, is-sempliċi fatt li kuntratt ikollu rabta ma' "kwistjonijiet regolati mil-liġi tal-kumpanniji" ma għandux bħala effett li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma I l-obbligi li għandhom is-sors tagħhom f'dan il-kuntratt. Dan huwa l-każ unikament għal dawn il-"kwistjonijiet" li għandhom għaldaqstant jiġu kklassifikati separatament mill-kwistjonijiet ta' natura kuntrattwali [32].

28 Per eżempju, fir-rigward tal-bejgħ: assoċjat għandu d-dritt iċedi s-sehem tiegħu lil parti terza mingħajr il-qbil tal-assoċjati l-oħra? Din iċ-ċessjoni tagħti lok għad-dritt tal-ewwel rifjut għal dawn tal-aħħar? Ara, għad-diversi kwistjonijiet tad-dritt tal-kumpanniji mqajma mit-tranżazzjonijiet fiduċjarji li għandhom bħala għan il-ġestjoni ta' azzjonijiet u ta' ishma, *Fiducie sur titres, Les nouvelles perspectives*, simpożju organizzat mill-Assoċjazzjoni Franċiża tal-Fiduċjarji, LGDJ, Coll. Grand colloques, 2017.

29 Ara, f'dan ir-rigward, għall-qasam tal-*lex contractus*, lista li tidher fl-Artikolu 12 tar-Regolament Ruma I. Għal eżempju ta' kwistjoni ta' natura kuntrattwali fil-każ ta' bejgħ: x'inhi r-responsabbiltà tal-bejjiegħ fir-rigward tax-xerrej?

30 Sentenza tas-7 ta' April 2016 (C-483/14, EU:C:2016:205).

31 Ara s-sentenza tas-7 ta' April 2016, KA Finanz (C-483/14, EU:C:2016:205, punti 52 sa 58). Ara, għall-istess klassifikazzjoni distributtiva, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, ERGO Insurance u Gjensidige Baltic (C-359/14 u C-475/14, EU:C:2016:40, punti 50 sa 62). Ara wkoll is-sentenza VKI vs Amazon u d-distinzjoni mwettqa mill-Qorti tal-Ġustizzja bejn il-liġi applikabbli għall-kwistjoni prinċipali mqajma minn tali azzjoni għal inġunzjoni (li trid għaldaqstant tiġi ddeterminata konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma II) u l-liġi applikabbli għall-kwistjoni inċidentali tan-natura inġusta tal-klawżoli kontenzjużi, li taqa' taħt il-qasam tal-*lex contractus* u tar-Regolament Ruma I (ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet).

32 Il-problema tad-dritt għall-vot b'rabta ma' kuntratt fiduċjarju fuq sehem jipprovdi eżempju tajjeb ta' klassifikazzjoni distributtiva. Il-kwistjoni tal-portata tad-dritt għall-vot li għandu assoċjat hija "kwistjoni li taqa' taħt id-dritt tal-kumpanniji" u taħt il-lex societatis. Min-naħa l-oħra, il-mod li bih il-ġestjonarju fiduċjarju għandu jeżerċita d-dritt għall-vot għan-nom tal-kostitwent (tal-ewwel għandu jsegwi direttivi ġenerali jew speċifiċi li jingħataw mit-tieni wieħed? Għandu jitlob l-opinjoni tiegħu qabel kull vot? eċċ.) hija kwistjoni li tikkonċerna r-relazzjoni kuntrattwali tagħhom u l-obbligi rispettivi tagħhom li jaqgħu taħt il-*lex contractus*.

54. Wara li dan ġie spjegat, fil-kawża preżenti, l-azzjoni għal inġunzjoni minn VKI tirrigwarda, infakkar, in-natura inġusta, u għaldaqstant, il-legalità ta' ċerti klawżoli tal-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi, liema klawżoli jikkonċernaw xi kwistjonijiet bħall-firxa tar-responsabbiltà ta' TVP bħala ġestjonarja fiduċjarja, it-termini ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza li fihom, l-investitur, bħala kostitwent, jista' jressaq azzjoni għar-responsabbiltà kontra TVP, il-post ta' eżekuzzjoni tas-servizzi fiduċjarji u l-liġi applikabbli għall-kuntratt fiduċjarju. Fl-opinjoni tiegħi, dawn il-kwistjonijiet huma ta' natura kuntrattwali u jaqgħu, bħala konsegwenza, taħt il-qasam tal-*lex contractus* u tar-Regolament Ruma I.

55. Il-fatt li hemm konnessjoni bejn dawn il-kuntratti u l-istatuti tas-soċjetajiet in akkomandita, hekk kif ġie spjegat fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma jqiegħedx f'dubju, fl-opinjoni tiegħi, lil din l-interpretazzjoni.

56. F'dan ir-rigward, nosserva li l-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux dwar jekk, b'teħid inkunsiderazzjoni ta' din il-konnessjoni, il-kostitwenti għandhomx jew le n-natura ta' assoċjat. Fl-opinjoni tiegħi, din hija ċertament "kwistjoni li taqa' taħt id-dritt tal-kumpanniji" eskluża mir-Regolament Ruma I u li tintrabat mal-*lex societatis*. B'mod ġenerali, hija din il-liġi li tiddetermina l-persuni li għandhom il-kwalità ta' assoċjat. F'dak il-każ tkun il-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni fil-mertu fir-rigward tad-dritt Ġermaniż [33].

57. Madankollu, fil-kuntest tal-azzjoni mressqa minn VKI, l-imsemmija kwistjoni ma hijiex determinanti. Din ma tirrigwardax li ssir magħrufa l-firxa ta' drittijiet u obbligi possibbli li jkollhom il-kostitwenti, fil-kwalità ta' assoċjat, konformement mad-dritt tal-kumpanniji applikabbli, direttament fil-konfront tal-kumpanniji in akkomandita. Kieku l-liġi applikabbli għal dawn il-kumpanniji, jiġifieri d-dritt Ġermaniż, kellha tipprovdi li, wara li jitqiesu d-drittijiet u l-obbligi tal-kostitwenti, kif stipulati fl-istatuti, hemm lok li tiġi rrikonoxxuta lil dawn in-natura ta' assoċjat [34], dan ma jbiddilx, fl-opinjoni tiegħi, in-natura kuntrattwali tal-kwistjonijiet imressqa fil-kawża preżenti. Xi kwistjonijiet bħalma hija l-firxa tar-responsabbiltà ta' TVP, bħala ġestjonarja fiduċjarja, fejn it-termini ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza li fihom il-kostitwenti jistgħu jressqu kawża kontriha ma humiex sempliċiment "kwistjonijiet regolati mil-liġi tal-kumpanniji", li għandhom jaqgħu b'mod uniformi taħt il-*lex societatis*. Interpretazzjoni kuntrarja, hekk kif tenfasizza ġustament il-qorti tar-rinviju, tkun tmur lil hinn mill-għan tal-prevedibbiltà u taċ-ċertezza legali segwit mill-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I.

58. Hekk kif issostni l-Kummissjoni, huwa wkoll possibbli li jsir raġunament abbażi ta' *relazzjonijiet*. Il-klawżoli kuntrattwali kontenzjużi huma intiżi li jirregolaw ir-relazzjonijiet li jeżistu bejn il-kostitwent u l-ġestjonarju fiduċjarju. Huma jiddeterminaw l-obbligi li jeżistu bejniethom skont il-kuntratt fiduċjarju. Anki meta dan il-kuntratt jinkludi d-drittijiet u l-obbligi previsti mill-istatuti ta' kumpannija, parti fil-kuntratt ma tistax tinfurzahom kontra parti oħra, ħlief meta dan il-kuntratt jippermetti dan. L-obbligi kuntrattwali inkwistjoni għaldaqstant jiddistingwu ruħhom minn dawn

33 Fi kliem sempliċi, fi tranżazzjoni fiduċjarja fuq sehem li ser nikklassifika bħala "bażika", is-sjieda tal-ishma li jitqiegħdu fi trust tiġi ttrasferita lill-ġestjonarju fiduċjarju, u dan igawdi mid-drittijiet, u huwa ssuġġettat għall-obbligi, magħhom. Huwa għaldaqstant il-ġestjonarju fiduċjarju li għandu n-natura ta' assoċjat. Fil-każ preżenti, il-fatt li l-kostitwenti, konformement mal-istatuti, għandhom l-istess drittijiet politiċi u finanzjarji bħalma għandhom l-assoċjati, li jistgħu jinvokaw dawn id-drittijiet fil-konfront tal-kumpannija u li għandhom l-istess obbligi (inkluż dak li jikkontribwixxu għat-telf) jikkomplika din l-iskema "bażika". L-affarijiet jistgħu jinftiehmu f'żewġ perspettivi: minn naħa, hekk kif issostni VKI, il-kuntratt fiduċjarju jista' jidher bħala "arranġament kuntrattwali" intiż sabiex jimita n-natura ta' assoċjat mingħajr ma jimponi ċerti inkonvenjenzi (fosthom l-iskrizzjoni f'reġistru tal-kummerċ); min-naħa l-oħra, kif issostni TVP, dan jista' jiġi kkunsidrat li, indipendentement mill-proprjetà tal-ishma u tal-persuna iskritta fir-reġistri tal-kummerċ, hemm il-lok li "jittaqqab il-velu kuntrattwali" u li l-kostitwent jiġi rrikonoxxut bħala assoċjat. Fl-aħħar, il-kwistjoni mqajma hija dik tal-kriterju tal-kwalità ta' assoċjat: dan jiddependi mill-proprjetà tal-ishma? l-iskrizzjoni fir-reġistru tal-kummerċ? jew anki l-infurzabbiltà tad-drittijiet ta' assoċjat fil-konfront tal-kumpannija u l-fatt li jbati l-obbligi? Din hija kwistjoni fuq il-mertu tipika tad-dritt tal-kumpanniji.

34 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

l-istatuti. L-imsemmija statuti u l-*lex societatis* ma humiex direttament rilevanti ħlief għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-rapporti possibbli tal-kostitwenti, fil-kwalità ta' assoċjat (jekk wieħed jippreżupponi li huwa għandu din il-kwalità) fir-rigward tal-kumpannija u tal-assoċjati limitati tagħha [35], liema relazzjonijiet ma humiex inkwistjoni fil-kawża preżenti.

59. L-interpretazzjoni li nissuġġerixxi ma hijiex invalidata mill-argument ta' TVP li jgħid li separazzjoni tal-kuntratti fiduċjarju u tal-istatuti tas-soċjetajiet in akkomandita għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli tirrskja li ttemm l-ugwaljanza bejn l-assoċjati ta' dawn il-kumpanniji u l-kostitwenti f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, ir-responsabbiltà fir-rigward ta' terzi krediturі tal-imsemmija kumpanniji għad-djun soċjali. F'dan ir-rigward TVP issostni li konformement mal-ġurisprudenza tal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), għalkemm il-kostitwenti ma humiex direttament responsabbli fir-rigward tat-terzi krediturі, huma madankollu obbligati li jeħilsu lill-ġestjonarju fiduċjarju mir-responsabbiltà li huwa għandu, fil-kwalità ta' assoċjat, fir-rigward ta' dawn tal-aħħar (fejn il-kostitwenti b'hekk huma "indirettament" responsabbli fir-rigward tal-krediturі). F'dan ir-rigward nammetti li, ċertament, ir-responsabbiltà personali legali tal-assoċjati għad-djun soċjali hija, hawnhekk ukoll, "kwsitjoni li taqa' taħt id-dritt tal-kumpanniji" eskluża mir-Regolament Ruma I, kif barra minn hekk jipprevedi b'mod manifest l-Artikolu 1(2)(f) tiegħu. Madankollu l-kwistjoni ta' obbligu possibbli tal-kostitwent li jeħles lill-ġestjonarju fiduċjarju mir-responsabbiltà legali tiegħu ta' assoċjat għad-djun soċjali tikkonċerna, qabel xejn, ir-relazzjonijiet kuntrattwali eżistenti bejniethom. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi din taqa' taħt il-*lex contractus* u taħt dan ir-regolament [36].

60. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għall-ewwel domanda li l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u fl-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I, dwar "kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", ma tapplikax għal obbligi kuntrattwali li għandhom is-sors tagħhom f'kuntratt fiduċjarju li għandu bħala suġġett il-ġestjoni ta' sehem f'soċjetà in akkomandita.

B. Fuq in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-esklużjoni dwar ċerti kuntratti ta' provvista ta' servizzi konklużi mill-konsumaturi (it-tielet u r-raba' domanda)

61. Sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, hekk kif ippproponejt jien, li obbligi kuntrattwali bħal dawk li joriġinaw mill-fiduċjarji kontenzjużi ma jaqgħux taħt l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I (jew taħt l-esklużjoni ekwivalenti tal-Konvenzjoni ta' Ruma), il-liġi applikabbli għal dawn il-kuntratti għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet previsti minn dawn l-istrumenti.

35 Il-kostitwenti ma jistgħux jinforzaw kontra l-kumpannija u l-assoċjati d-drittijiet previsti mill-kuntratt fiduċjarju li fih dawn tal-aħħar ma humiex parti.

36 Għall-kompletezza, nippreċiża li, anki jekk il-kuntratti fiduċjarji kellhom ikunu nulli abbażi tal-*lex contractus*, dan ma jfissirx neċessarjament li l-konsumaturi Awstrijaċi jirkupraw awtomatikament l-investiment tagħhom. Sakemm dan ikun intuża bħala kontribuzzjoni fil-kapital f'soċjetà in akkomandita, il-possibbiltà għall-konsumatur li jirtira mill-kumpannija u jirkupra din il-kontribuzzjoni u l-obbligi possibbli li jkollu jsostni f'tali każ ikunu, hawn ukoll "kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji", fis-sens tal-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament Ruma I. Ara, f'dan ir-rigward, f'dak li jikkonċerna d-duttrina tal-kumpannija irregolari (*Lehre der fehlerhaften Gesellschaft*) fid-dritt Ġermaniż, is-sentenza tal-15 ta' April 2010, E. Friz (C-215/08, EU:C:2010:186).

62. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju stabbilixxiet li l-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi huma kuntratti ta' konsum li jistgħu jaqgħu taħt ir-regoli protettivi previsti, f'dan ir-rigward, fl-Artikolu 5 ta' din il-konvenzjoni u fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament [37]. Fil-fatt, huma jorbtu "professjonist", jiġifieri TVP, li jaġixxi fl-eżerċizzju tal-attività professjonali tiegħu, ma' diversi investituri li għandhom il-kwalità ta' "konsumaturi", jiġifieri persuni fiżiċi li aġixxew, billi kkonkludew dawn il-kuntratti, għal skop li jista' jiġi kkunsidrat li ma għandux x'jaqsam ma' tali attività [38]. Din il-qorti stabbilixxiet ukoll li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regoli protettivi ġew issodisfatti [39].

63. Madankollu, dawn l-artikoli jeskludu espliċitament, fil-paragrafu 4 tagħhom, xi kuntratti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Partikolarment, l-Artikolu 5(4)(b) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u l-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I jipprevedu, f'termini identiċi, li r-regoli protettivi dwar il-kuntratti ta' konsum ma japplikawx għal "kuntratti għall-forniment ta' servizzi fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu fornuti esklussivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu". Il-liġi applikabbli għall-kuntratti li jaqgħu taħt din l-esklużjoni għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tar-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet ġenerali previsti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dawn l-istrumenti.

64. F'dan il-kuntest, permezz tat-tielet u tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kuntratti fiduċjarji bħal dawk ikkonċernati mill-azzjoni għal inġunzjoni ta' VKI jistgħux ikunu koperti mill-imsemmija esklużjoni.

65. VKI u l-Kummissjoni jsostnu, essenzjalment, li din l-istess esklużjoni ma hijiex intiża sabiex tapplika f'dan il-każ peress li l-konsumaturi jirċievu ċerti servizzi li jirriżultaw mill-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi fl-Awstrija. Min-naħa tagħha TVP issostni li hija tipprovdi s-servizzi fiduċjarji tagħha esklużivament fil-Ġermanja, kif jistipulaw dawn il-kuntratti [40], peress li l-attivitajiet meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija kuntratti jitwettqu biss f'dan l-Istat Membru.

66. Jiena naqbel ma' tal-ewwel, minħabba r-raġunijiet li ġejjin. Hawn ukoll, peress li ma hemmx differenzi bejn il-Konvenzjoni ta' Ruma u r-Regolament Ruma I f'dak li jikkonċerna din il-problema, interpretazzjoni identika għandha tinżamm għal dawn iż-żewġ strumenti. Għaldaqstant, għall-bqija ta' dawn il-konklużjonijiet, għall-kumdità, mill-ġdid ser nirriferi biss għal dan ir-regolament.

67. *Żewġ kundizzjonijiet kumulattivi* jirriżultaw mill-kliem tal-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I. L-esklużjoni li tidher fih tapplika sa fejn, minn naħa, ikun jeżisti "kuntratt għall-forniment ta' servizzi" u sa fejn, min-naħa l-oħra, is-servizzi dovuti lill-konsumatur "għandhom jiġu fornuti esklużivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu".

68. L-interpretazzjoni tal-*ewwel kundizzjoni* tħalli ftit li xejn spazju għad-dubju. F'dan ir-rigward, il-kunċett ta' "kuntratti għall-forniment ta' servizzi" li jintuża fl-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I għandu, fl-opinjoni tiegħi, jiġi ddefinit b'mod awtonomu u jirċievi l-istess tifsira ta' dak tal-"kuntratt għall-forniment ta' servizzi" li jidher fl-Artikolu 4(1)(b) ta' dan ir-regolament [41]. Fil-fatt,

37 B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma japplika biss għall-kuntratti ta' konsum li għandhom bħala suġġett il-provvista ta' oġġetti mobbli jew ta' servizzi kif ukoll għall-kuntratti intiżi għall-finanzjament ta' tali provvista. L-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I għandu kamp ta' applikazzjoni usa' peress li jkopri kull tip ta' kuntratti ta' konsum, bla ħsara għall-esklużjonijiet espliċiti li jipprevedi.

38 Barra minn hekk, dawn il-kuntratti fiduċjarji huma "kuntratti għall-provvista ta' servizzi", skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma (ara l-punt 68 ta' dawn il-konklużjonijiet) b'tali mod li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

39 F'dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, għandu jiġi rrilevat li l-konklużjoni tal-kuntratti fiduċjarji fl-Awstrija seħħet, "wara […] stedina speċifika indirizzata lilu jew reklam" (il-prospectus li jirrigwardaw l-ishma kontenzjużi li tqassmu f'dan l-Istat Membru). Barra minn hekk, il-konsumaturi Awstrijaċi "għamlu f'dak il-pajjiż dak kollu meħtieġ minnu biex il-kuntratt jiġi konkluż" u "il-parti l-oħra jew l-aġent tagħha rċieva l-ordni tal-konsumatur f'dak il-pajjiż" (l-atti ġuridiċi rikjesti mill-konsumaturi li twettqu fl-Awstrija u ġew aċċettati f'dan l-Istat Membru mill-imsieħba kuntrattwali ta' TVP). Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li jidhru fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma I, l-istess elementi jindikaw li TVP "indirizzat" l-attività tagħha "lejn" is-suq Awstrijak u huwa inkontestabbli li l-kuntratti fiduċjarji jaqgħu taħt din l-attività.

40 Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 Ara, f'dan is-sens, Ragno, F., "Article 6: Consumer contracts", f'Ferrari, F., *Rome I Regulation – Pocket Commentary*, selp, 2015, p. 219 u r-referenzi ċċitati.

il-kategorija ta' kuntratti prevista minn dawn iż-żewġ kunċetti hija, minkejja differenza terminoloġika żgħira, manifestament l-istess. Barra minn hekk, din il-kategorija għandu jkollha l-istess portata bħal dik ta' "forniment ta' servizzi", prevista, għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni fil-qasam kuntrattwali, fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Brussell Ia[42]. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din l-aħħar dispożizzjoni jirriżulta li l-kunċett ta' "servizzi" jimplika, mill-inqas, li l-parti li tipprovdihom twettaq attività partikolari bi ħlas[43]. Issa, kif tenfasizza TVP, ftehim fiduċjarju jikkostitwixxi tali "servizz", fil-kuntest tal-kuntratt fiduċjarju, il-ġestjonarju fiduċjarju jwettaq attività partikolari, li tikkonsisti fil-ġestjoni tal-attiv li jitqiegħed taħt ftehim fiduċjarju, bi ħlas.

69. Il-portata tat-*tieni kundizzjoni*, li tirrigwarda l-post fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur "għandhom jiġu pprovduti", hija inqas evidenti. Ċertament il-Qorti tal-Ġustizzja diġà indirizzat il-kwistjoni tal-post ta' eżekuzzjoni ta' obbligu kuntrattwali jew ta' kuntratt sabiex tiġi ddeterminata l-kompetenza ġudizzjarja fil-qasam kuntrattwali, billi żammet kriterji differenti[44]. Madankollu, hija għadha qatt ma eżaminat lil din il-kwistjoni fil-kuntest tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Ruma I, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli. Qabel kollox għandu jiġi ppreċiżat jekk il-kwistjoni ta' dan il-post ta' eżekuzzjoni taqax taħt id-dritt nazzjonali, partikolarment taħt il-*lex contractus*, jew għandhiex tiġi ddefinita b'mod awtonomu fid-dritt tal-Unjoni, u l-importanza li għandha tingħata għall-post possibbli ta' eżekuzzjoni stipulat fil-kuntratt.

70. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-qorti tar-rinviju intrabtet ma' ċerti obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi, jiġifieri l-obbligu għal TVP li tibgħat lill-investitur xi informazzjoni dwar l-iżvolġiment tal-attività tal-fond u l-obbligu li din tħallas lill-imsemmi investitur id-dividendi u l-vantaġġi patrimonjali l-oħra dovuti lilu, u ddeterminat fejn għandhom jiġu eżegwiti dawn l-obbligi, fid-dawl kemm tad-dritt Awstrijak u kif ukoll tad-dritt Ġermaniż, jiġifieri ż-żewġ liġijiet potenzjalment applikabbli għal dawn il-kuntratti[45]. Din il-qorti kkunsidrat ukoll li, abbażi ta' dritt jew ieħor, il-klawżola li tinnomina l-post ta' eżekuzzjoni fil-kuntratti fiduċjarji hija nulla[46].

71. Madankollu, ma naħsibx li l-kwistjoni tal-post tal-provvista tas-servizzi dovuti lill-konsumatur (u tal-effett tal-eventwali klawżola li tinnomina dan il-post), għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I, għandha titħalla għal-*lex contractus*. Fil-fatt, din il-kwistjoni għandha tiġi deċiża qabel id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli u tippermetti preċiżament

42 Ara, f'dan is-sens, il-premessa 17 tar-Regolament Ruma I u s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Kerr (C-25/18, EU:C:2019:376, punti 39 sa 41). Infakkar li l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Brussell Ia jipprevedi li persuna domiċiljata fuq it-territorju ta' Stat Membru tista' titħarrek, għal materji kuntrattwali, konformement mal-punt (a) ta' dan il-paragrafu, quddiem il-qorti tal-post ta' eżekuzzjoni tal-obbligu li jservi bħala l-bażi tat-talba. Il-punt (b) tal-imsemmi paragrafu jippreċiża li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, u bla ħsara għal ftehim kuntrarju, il-post ta' eżekuzzjoni tal-obbligu li jservi bħala bażi għat-talba huwa, għall-bejgħ tal-oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew ikkonsenjati jew suppost li kienu kkonsenjati, u, għall-provvista ta' servizzi, il-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, is-servizzi ġew ipprovduti jew suppost ġew ipprovduti.

43 Ara s-sentenzi tat-23 ta' April 2009, Falco Privatstiftung u Rabitsch (C-533/07, EU:C:2009:257, punt 29), tal-10 ta' Settembru 2015, Holterman Ferho Exploitatie *et* (C-47/14, EU:C:2015:574, punt 57), kif ukoll tat-8 ta' Mejju 2019, Kerr (C-25/18, EU:C:2019:376, punt 39).

44 Fil-kuntest tal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Brussell Ia, li jipprevedi li konvenut iddomiċiljat fuq it-territorju ta' Stat Membru jista' jitħarrek "fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni", il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li għandu jiġi ddeterminat l-obbligu li jikkorrispondi għad-dritt kuntrattwali li fuqu hija bbażata l-azzjoni tar-rikorrent u li għandu jiġi evalwat, konformement mal-liġi li tirregola lil dan l-obbligu, il-post li fih dan ġie, jew għandu jiġi eżegwit (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1976, De Bloos (14/76, EU:C:1976:134, punt 13), u Industrie Tessili Italiana Como (12/76, EU:C:1976:133, punt 13). Fil-kuntest tal-Artikolu 7(1)(b) ta' dan ir-regolament, dwar il-kuntratti ta' bejgħ u l-kuntratti ta' provvista ta' servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta definizzjoni awtonoma u fattwali tal-post ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, meħud fit-totalità tiegħu, billi tagħti piż prinċipali lill-istipulazzjonijiet tal-kuntratt (ara, partikolarment, is-sentenzi tat-3 ta' Mejju 2007, Color Drack (C-386/05, EU:C:2007:262); tat-23 ta' April 2009, Falco Privatstiftung u Rabitsch (C-533/07, EU:C:2009:257), kif ukoll tal-25 ta' Frar 2010, Car Trim (C-381/08, EU:C:2010:90)).

45 Il-qorti tar-rinviju nnotat li, fin-nuqqas ta' għażla, id-dritt Awstrijak jipprevedi li xi obbligi finanzjarji għandhom jiġu eżegwiti fil-post ta' domiċilju tal-kreditur. Min-naħa tiegħu, id-dritt Ġermaniż iwettaq distinzjoni bejn il-post fejn l-obbligu pekunarju jiġi eżegwit materjalment (*Leistungsort* jew *Erfüllungsort*), li jinsab fil-post ta' domiċilju tad-debitur, u l-post fejn jinkiseb ir-riżultat ta' din l-eżekuzzjoni (*Erfolgsort*), li huwa d-domiċilju tal-kreditur.

46 TVP tikkontesta l-affermazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju li jikkonċernaw lid-dritt Ġermaniż u dak Awstrijak. Madankollu, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha ddaħħal inkwistjoni l-interpretazzjoni ta' dawn id-drittijiet nazzjonali pprovduti minn din il-qorti.

li tiġi ddeterminata. Sabiex tiġi evitata loġika ċirkulari jew kumplessa [47], hemm lok, fl-opinjoni tiegħi, li tinżamm *interpretazzjoni awtonoma* tal-post fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur "għandhom jiġu pprovduti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li għandha tingħata fid-dawl tal-kuntest u tal-għanijiet tagħha.

72. *Fl-ewwel lok*, fir-rigward tal-kuntest li jaqa' fih l-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I, inqis, bħal VKI u l-Kummissjoni, li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett, peress li hija tidderoga mill-għan ta' protezzjoni li huwa ġeneralment segwit minn dan l-artikolu [48].

73. Barra minn hekk, il-fatt li esklużjoni ekwivalenti għal dik prevista mill-imsemmija dispożizzjoni ma tinsabx fl-Artikolu 17 tar-Regolament Brussell Ia [49], dwar il-ġurisdizzjoni fil-qasam ta' kuntratti ta' konsum, jimmilita wkoll, fl-opinjoni tiegħi, favur tali interpretazzjoni stretta, sabiex ma titkabbarx din id-diverġenza u s-soluzzjonijiet inkoerenti li din iġġib magħha [50].

74. *Fit-tieni lok*, f'dak li jikkonċerna l-għan imfittex mill-esklużjoni inkwistjoni, ir-rapport Giuliano-Lagarde, f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 5(4)(b) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, jispjega li "fil-każ tal-kuntratti li jirrigwardaw il-provvisti ta' servizzi (pereżempju, akkomodazzjoni f'lukanda jew kors tal-lingwi) li huma pprovduti esklużivament barra l-Istat fejn jirrisjedi l-konsumatur, dan ma jistax jippretendi b'mod raġonevoli li l-liġi tal-Istat ta' oriġini tiġi applikata [51] b'deroga mir-regoli ġenerali tal-Artikoli 3 u 4". F'dan il-każ, "il-kuntratt jippreżenta rabtiet iktar b'saħħithom mal-Istat fejn tirrisjedi l-parti kontraenti l-oħra, anki jekk din tal-aħħar wettqet wieħed mill-atti deskritti [fl-Artikolu 5(2)] (pereżempju, [ir-]reklamar) fl-Istat ta' residenza tal-konsumatur" [52].

75. Barra minn hekk, mid-dibattiti li nżammew fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament Ruma I, b'mod partikolari fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jirriżulta li din l-esklużjoni nżammet f'dan ir-regolament, minħabba l-fatt, partikolarment, li ċerti delegazzjonijiet kienu mħassba dwar "protezzjoni żejda" għall-konsumaturi u xtaqu li ma jaffettwawx b'mod wisq qawwi fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, partikolarment fis-settur tat-turiżmu [53].

76. Fl-opinjoni tiegħi, mill-elementi ta' hawn fuq jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur "għandhom jiġu pprovduti", fis-sens tal-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I, għandna niffokaw, minn perspettiva fattwali, fuq in-natura tas-servizzi inkwistjoni. Għalkemm klawżola possibbli ta' nominazzjoni tal-post ta' eżekuzzjoni tal-obbligi

47 Din il-loġika tikkonsisti jew sabiex jiġi ddeterminat, fir-rigward tal-liġi maħtura mir-regoli protettivi fil-qasam tal-kuntratti ta' konsum previsti mir-Regolament Ruma I, jekk dawn ir-regoli humiex intiżi li japplikaw, u dan ikun ċirkolari, jew sabiex tiġi nnominata, kif tissuġġerixxi TVP, *lex contractus* ewlenija konformement mar-regoli ġenerali ta' dan ir-regolament (Artikoli 3 u 4) u sabiex jiġi ddeterminat, fir-rigward ta' din il-liġi, jekk l-imsemmija regoli protettivi għandhomx japplikaw, u dan ikun kumpless.

48 Hekk kif jirriżulta mill-premessa 23 tar-Regolament Ruma I, ir-regoli fil-qasam tal-kuntratti ta' konsum previsti minn dan ir-regolament huma intiżi partikolarment sabiex jipproteġu lill-konsumatur, ikkunsidrat bħala l-parti d-dgħajfa fil-kuntratt, permezz ta' regoli ta' kunflitt ta' liġi iktar favorevoli għall-interessi tiegħu milli huma r-regoli ġenerali.

49 Bil-kontra, pereżempju għall-esklużjoni prevista fl-Artikolu 6(4)(b) tar-Regolament Ruma I, fil-qasam tal-kuntratti ta' trasport minbarra l-kuntratti ta' vjaġġi kollox kompriż, li ssib l-ekwivalenza tagħha fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament Brussell Ia.

50 Fil-fatt, fornitur ta' servizzi li jista' jinvoka l-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I u b'hekk jevita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi tal-liġi tal-Istat Membru fejn il-konsumatur għandu r-residenza abitwali tiegħu jkollu fi kwalunkwe każ iressaq l-azzjoni tiegħu (u l-konsumatur ikun jista' jressaq l-azzjoni tiegħu) quddiem il-qrati ta' dan l-Istat, konformement mal-artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament Bruxelles Ia. Din l-inkonsistenza bejn ir-Regolament Brussell Ia u r-Regolament Ruma I hija kkritikata fid-duttrina. Ara Calliess, G.-P., *Rome Regulations – Commentary on the European Rules of the Conflict of Laws*, Kluwer Law International, 2011, p. 147 u r-referenzi ċċitati, kif ukoll Ragno, F., op. cit., p. 219 u r-referenzi ċċitati.

51 Ara l-punti 85 u 87 ta' dawn il-konklużjonijiet.

52 Rapport Giuliano-Lagarde, p. 24 u 25.

53 L-esklużjoni kontenzjuża kienet tidher fil-proposta għal regolament tal-15 ta' Diċembru 2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I) (COM/2005/0650 final). Din l-esklużjoni tat lok għal oġġezzjonijiet min-naħa ta' delegazzjonijiet differenti (ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana u r-Repubblika tal-Awstrija) li xtaqu li titħassar, filwaqt li oħrajn (ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi) xtaqu li tinżamm, u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu ppropona li tiġi estiża għall-kuntratti ta' bejgħ. Assoċjazzjonijiet professjonali differenti, fil-qasam tal-lukandi u tar-ristoranti, iddikjaraw ruħhom pubblikament favur iż-żamma tal-imsemmija esklużjoni, peress li bażgħu li ser ikunu esposti għal drittijiet differenti skont il-pajjiż ta' residenza tal-klijenti tagħhom. Ara Calliess, G.-P., op. cit., p. 146 sa 148, kif ukoll McParland, M., *The Rome I Regulation on the Law Applicable to Contractual Obligations*, Oxford University Press, 2015, p. 554 u 555.

kuntrattwali tista' eventwalment tikkostitwixxi indizju f'dan ir-rigward, hija ma hijiex determinanti. L-espressjoni "għandhom jiġu pprovduti" ma tirreferix, kif issostni TVP, għall-post fejn dawn l-obbligi għandhom jiġu eżegwiti konformement mal-istipulazzjonijiet tal-kuntratt"[54]. Kif issostni VKI, fir-realtà għandu jiġi vverifikat jekk jirriżultax min-natura stess tas-servizzi miftiehma li dawn jiġu neċessarjament ipprovduti barra mill-pajjiż ta' residenza abitwali tal-konsumatur[55].

77. Id-determinazzjoni tal-post fejn għandhom jiġu pprovduti s-servizzi dovuti lill-konsumatur tidhirli li hija relattivament evidenti fir-rigward tas-servizzi tas-settur tat-turiżmu msemmija fir-rapport Guiliano-Lagarde u diskussi fi ħdan il-Kunsill, bħalma huma r-ristoranti u l-lukandi. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-provvista ta' servizzi, min-natura tagħha, hija limitata għal post uniku: il-professjonist iwettaq l-attivitajiet meħtieġa, u l-konsumatur jirċievi r-riżultati korrispondenti, fl-istess post.

78. Min-naħa l-oħra, provvisti oħra ta' servizzi jiġu pprovduta mill-bogħod, jiġifieri li l-post tat-twettiq materjali tal-provvisti ma jkunx l-istess bħal dak fejn il-konsumatur jirċievi r-riżultat tagħhom. Jista' jkun, partikolarment, li dawn iż-żewġ postijiet jinsabu f'pajjiżi differenti. Għaldaqstant, is-servizzi jiġu pprovduti b'mod transkonfinali u, bħalma tindika l-qorti tar-rinviju fit-tielet domanda preliminari tagħha, il-professjonist ma jkollux bżonn imur fil-pajjiż tal-konsumatur sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu.

79. F'dan ir-rigward, naqbel mal-opinjoni tal-qorti tar-rinviju u tal-Kummissjoni li tipprovdi li, fl-ipoteżi msemmija fil-punt ta' qabel dan, ma nistgħux nikkunsidraw li s-servizzi dovuti lill-konsumatur "għandhom ikunu pprovduti esklużivament f'pajjiż li ma huwiex dak li fih huwa għandu r-residenza abitwali tiegħu", fis-sens tal-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I[56]. Fi kliem ieħor, l-esklużjoni prevista f'din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika f'din l-ipoteżi.

80. Fil-fatt, fl-opinjoni tiegħi, minn naħa, l-insistenza tal-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kliem tal-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I, fir-rigward tal-fatt li s-servizzi għandhom jiġu pprovduti "esklużivament" barra mill-pajjiż ta' residenza abitwali u, min-naħa l-oħra, l-ispjegazzjonijiet li fuqhom hija bbażata din id-dispożizzjoni[57], tendenzjalment jenfasizzaw li l-esklużjoni kkonċernata għandha tapplika biss fl-ipoteżi fejn, b'teħid inkunsiderazzjoni tan-natura tas-servizzi inkwistjoni, *il-konsumatur ikollu jsiefer sabiex jirċevihom*. F'din l-ipoteżi, il-kuntratt għandu rabtiet negliġibbli mal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu u għandu oħrajn (manifestament) iktar mill-qrib mal-pajjiż ta' provvista tas-servizzi[58]. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' servizzi pprovduti mill-bogħod fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-konsumatur, ir-rabtiet tal-kuntrat ma' dan il-pajjiż huma iktar sinjifikattivi u l-konsumatur jista' b'mod raġonevoli jistenna li l-liġi tal-imsemmi pajjiż tkun applikabbli (jew tal-inqas id-dispożizzjonijiet imperattivi tagħha).

54 F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi rraġunat b'analoġija mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonċerna l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Brussell Ia. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti importanza predominanti, sabiex tiddetermina "l-post fl-Istat Membru fejn, skont il-kuntratt, is-servizzi ġew ipprovduti jew suppost ġew ipprovduti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, lill-istipulazzjonijiet tal-kuntratt. Għalkemm dan l-approċċ huwa ġustifikabbli kemm fir-rigward tal-kliem tal-imsemmija dispożizzjoni kif ukoll fir-rigward tal-għan tal-prevedibbiltà segwit minnha, madankollu dan ma huwiex xieraq fil-kuntest tal-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I. Fil-fatt, l-għan ta' protezzjoni mfittex minn dan l-aħħar artikolu jimmilita, fil-fehma tiegħi, favur interpretazzjoni li ma tiddependix mill-mod li bih huwa fformulat il-kuntratt.

55 Ara, f'dan is-sens, Bělohlávek, A. J., *Rome Convention – Rome I Regulation*, volum 1, Juris, 2010, p. 1167. Nippreċiża li s-sempliċi fatt li l-professjonist ikun "idderieġa" l-attivita tiegħu "lejn" il-pajjiż ta' residenza abitwali tal-konsumatur, fih innifsu ma jistax jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament Ruma I. Fin-nuqqas ta' dan, din id-dispożizzjoni tkun imċaħħda mill-effettività tagħha. Fil-fatt, ir-regoli protettivi previsti f'dan l-artikoli fi kwalunkwe każ japplikaw biss jekk il-kundizzjoni li tirrigwarda l-"attività diretta" tkun issodisfatta. L-elementi li juru li l-attività tal-professjonijiet hija "diretta lejn" il-pajjiż ta' residenza abitwali tal-konsumatur, bħad-distribuzzjoni ta' reklamar jew il-konklużjoni tal-kuntratt f'dan il-pajjiż, ma jistgħux għaldaqstant, fihom infushom, juru li s-servizzi dovuti lill-konsumatur "għandhom jiġu pprovduti [hemmhekk]"

56 Din l-interpretazzjoni għandha tingħata wkoll, fil-fehma tiegħi, fir-rigward ta' servizzi pprovduti online. Ara, f'dan is-sens, Tang, Z. S., *Electronic Consumer Contracts in the Conflict of Laws*, Hart publishing, it-2 edizzjoni, 2015, p. 240 u 241.

57 Ara l-punt 74 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58 Ara, tal-istess fehma, Calliess, G.-P., op. cit, p. 148.

81. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma, fil-fehma tiegħi, applikabbli b'mod sħiħ f'kawża bħal dik fil-kawża priċnipali. B'mod partikolari, il-fatt li l-ammont li jikkorrispondu għall-ishma tħallsu mill-konsumaturi Awstrijaċi f'kontijiet fiduċjarji (*Treuhandkonten*) fl-Awstrija [59], li TVP ittrasferixxiet il-ħlasijiet ta' dividendi u l-vantaġġi finanzjarji l-oħra dovuti lilhom fuq kontijiet Awstrijaċi, li din il-kumpannija tissodisfa l-obbligi tagħha ta' informazzjoni li jirriżultaw mill-kuntratt fiduċjarju billi tibgħatilhom rapporti fuq l-attività tal-fondi fl-Awstrija, u li tiddisponi minn sit internet għall-attenzjoni ta' dawn il-konsumaturi, li fuqu dawn jistgħu jikkonsultaw xi informazzjoni u jivvutaw [60], jenfasizza li l-imsemmija konsumaturi jirċievu r-riżultat tas-servizzi pprovduti minn TVP fil-pajjiż ta' residenza abitwali tagħhom. Konsegwentement, l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I, fil-fehma tiegħi, ma għandhiex tapplika.

82. B'teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tielet u r-raba' domandi li l-Artikolu 5(4)(b) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u l-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Ruma I għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-esklużjoni li jipprevedu, dwar il-"kuntratti għall-forniment ta' servizzi fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu fornuti esklużivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu", ma tapplikax għal kuntratt fiduċjarju li fil-kuntest tiegħu servizzi huma pprovduti mill-professjonist lill-konsumatur, fil-pajjiż ta' residenza abitwali ta' dan tal-aħħar, mill-bogħod, mit-territorju ta' pajjiż ieħor.

C. Fuq in-natura inġusta, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti, tal-klawżola ta' għażla ta' liġi li tindika d-dritt tas-sede tal-professjonist (it-tieni domanda)

83. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti għandhiex tiġi interpretata fis-sens li klawżola ta' kuntratt fiduċjarju, konkluż bejn professjonist u konsumatur, dwar il-ġestjoni ta' parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita, li ma kinitx negozjata individwalment u li tipprovdi li hija applikabbli l-liġi tal-Istat Membru tas-sede tal-professjonist u ta' din il-kumpannija, hija inġusta fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

84. Kif indikajt f'dawn il-konklużjonijiet, fl-opinjoni tiegħi, il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali bħal dawk li jsibu s-sors tagħhom fil-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi għandha tiġi ddeterminata konformement mar-regoli ta' kunflitt ta' liġi previsti mill-Konvenzjoni ta' Ruma u mir-Regolament Ruma I u, b'mod iktar preċiż, konformement ma' dawk fil-qasam ta' kuntratti ta' konsum li jidhru fl-Artikolu 5 ta' din il-konvenzjoni u fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament.

85. L-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Ruma u l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma I jipprevedu li, bħala prinċipju, kuntratt ta' konsum huwa rregolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu. Għaldaqstant, fil-kawża preżenti, dan huwa d-dritt Awstrijak.

86. Madankollu, infakkar li l-kuntratti fiduċjarji jistipulaw klawżola ta' għażla ta' liġi li taħtar id-dritt tas-sede ta' TVP u tas-soċjetajiet in akkomandita, jiġifieri d-dritt Ġermaniż. Madankollu, VKI ssostni li din il-klawżola hija illegali. Partikolarment, bħall-klawżoli l-oħra previsti mill-azzjoni tagħha, din hija inġusta.

87. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 5(2) tal-Kovenzjoni ta' Ruma u l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I jawtorizzaw, bħala prinċipju, tali klawżoli ta' għażla tal-liġi. Madankollu, abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għażla simili ma tistax twassal sabiex iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu mid-dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim (jew "dispożizzjonijiet

59 Il-punt ta' jekk TVP hijiex awtorizzata legalment sabiex tiddisponi minn dawn il-kontijiet ma jidhirlix li huwa determinanti.

60 Il-fatt li l-ebda obbligu kuntrattwali ma kien impost fuq TVP sabiex twaqqaf dan is-sit internet, jekk jitqies li dan huwa minnu, lanqas ma huwa deċiżiv fil-fehma tiegħi. Fi kwalunkwe każ, dan is-sit internet huwa biss wieħed mill-elementi li jenfasizzaw li s-servizzi huma pprovduti mill-bogħod.

imperattivi"[61]) abbażi tal-liġi tal-pajjiż fejn għandu r-residenza abitwali tiegħu. Fil-kawża preżenti, il-klawżola kontenzjuża ma tistax tostakola għaldaqstant lill-konsumaturi li jirresjedu fl-Awstrija (u VKI fil-kuntest tal-azzjoni tagħha għal inġunzjoni) milli jinvokaw lid-dispożizzjonijiet imperattivi tad-dritt Awstrijak.

88. Issa, fis-sentenza VKI vs Amazon, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li klawżola li tidher fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ta' professjonist, li ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali, li abbażi tagħha l-liġi tal-Istat Membru tas-sede tal-professjonist tirregola l-kuntratt konkluż b'mezz elettroniku ma' konsumatur hija inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti, sa fejn tqarraq bil-konsumatur billi ttih l-impressjoni li hija biss il-liġi ta' dan l-Istat Membru li tapplika għall-kuntratt, mingħajr ma tinformah bil-fatt li jibbenefika wkoll, abbażi tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I (jew, jekk ikun il-każ, tal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma), mill-protezzjoni li jiżgurawlu d-dispożizzjonijiet imperattivi tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu[62].

89. Bħal VKI u l-Kummissjoni, inqis li din il-ġurisprudenza hija applikabbli fil-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, għandi l-istess opinjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi li l-fatt li l-kuntratti fiduċjarji kontenzjużi ma jidhrux li ġew konklużi b'mezz elettroniku ma huwiex importanti. Fil-fatt, fl-opinjoni tiegħi, klawżola ta' għażla ta' liġi hija inġusta għar-raġuni li, bil-kontra tar-rekwiżit ta' tfassil ċar u li jinftiehem stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti, hija ma tinformax lill-konsumatur bil-fatt li, minkejja din l-għażla, huwa jista' jinvoka lid-dispożizzjonijiet imperattivi tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu[63]. Il-forma li ħadet il-konklużjoni tal-kuntratt ma hijiex rilevanti fil-kuntest ta' dan ir-raġunament. Bil-kontra, il-fatt li l-klawżola kontenzjuża ma tissodisfax lil din il-ħtieġa ta' informazzjoni huwa deċiżiv[64].

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tieni domanda li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar il-klawżoli inġusti għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola ta' kuntratt fiduċjarju, dwar il-ġestjoni ta' parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita konklużbejn professjonist u konsumatur, li ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali u li abbażi tagħha d-dritt applikabbli huwa dak tal-Istat Membru tas-sede tal-professjonijiet u ta' din il-kumpannija, hija inġusta, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta ma tinformax lill-konsumatur bil-fatt li, minkejja din l-għażla ta' liġi huwa jibbenefika wkoll, abbażi tal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jew tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I, mill-protezzjoni li jiżgurawlu d-dispożizzjonijiet imperattivi tad-dritt li jkun applikabbli fin-nuqqas ta' din il-klawżola.

V. Konklużjoni

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija):

1) L-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, u l-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-esklużjoni li

61 Ara, fuq dan il-kunċett, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:388, punti 99 sa 101).

62 Ara s-sentenza VKI vs Amazon, punti 72 sa 81.

63 Ara s-sentenza VKI vs Amazon, punti 68 u 69.

64 Ara, għal iktar spjegazzjonijiet, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:388, punti 95 sa 104) u, għal diskussjoni ta' din il-ġurisprudenza, Mankowski, P., "Just how free is a free choice of law in contract in the EU?", *Journal of Private international Law*, 2017, 13:2, p. 231 sa 258, speċ. p. 235 sa 241; Müller, M. F., "Amazon and Data Protection Law – The End of the Private/Public Divide in EU conflict of laws?", *EuCML*, 2016, Nru 5, p. 215 *et seq* kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-Kawża Lovasné Tóth (C-34/18, EU:C:2019:245, punti 87 sa 89, u 95 sa 108).

jipprevedu, dwar "kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-kumpanniji, tal-assoċjazzjonijiet u tal-persuni ġuridiċi", ma tapplikax għal obbligi kuntrattwali li għandhom is-sors tagħhom f'kuntratt fiduċjarju li għandu bħala suġġett il-ġestjoni ta' sehem f'soċjetà in akkomandita.

2) L-Artikolu 5(4)(b) tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, u l-Artikolu 6(4)(a) tar-Regolament Nru 593/2008, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-esklużjoni li jipprevedu, dwar il-"kuntratti għall-forniment ta' servizzi fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu fornuti esklużivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu", ma tapplikax għal kuntratt fiduċjarju li fil-kuntest tiegħu servizzi huma pprovduti mill-professjonist lill-konsumatur, fil-pajjiż ta' residenza abitwali ta' dan tal-aħħar, mill-bogħod, mit-territorju ta' pajjiż ieħor.

3) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola ta' kuntratt fiduċjarju, dwar l-amministrazzjoni ta' parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita konkluż bejn professjonist u konsumatur, li ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali u li abbażi tagħha d-dritt applikabbli huwa dak tal-Istat Membru tas-sede tal-professjonist u ta' din il-kumpannija hija inġusta, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta ma tinformax lill-konsumatur bil-fatt li, minkejja din l-għażla ta' liġi huwa jibbenefika wkoll, abbażi tal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980, jew tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 593/2008, mill-protezzjoni li jiżgurawlu d-dispożizzjonijiet imperattivi tad-dritt li jkun applikabbli fin-nuqqas ta' din il-klawżola.